MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 870/2006

**Mile End Services Limited**
**(C 13762)**

**Vs**

**Glenn Carabott (ID 357480 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Ottubru, 2006 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici
s-somma ta` elf u erbgha u ghoxrin lira, u zewg centezmi, rapprezentanti valur ta` tiswijiet li saru fuq karozza kif jirrizulta minn Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra nterpellatorja datata 10 ta` Settembru, 2006, Dok. B, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta` l-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi meta msejjah in subizzjoni, l-konvenut innega li kellu jhallas l-ammont mitlub minghand is-socjeta` attrici peress li kien qed jarah eccessiv partikolarment meta qies il-fatt li huwa kien ta instruzzjonijiet sabiex il-parts ma jinxtrawx godda.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 6 ta` Marzu, 2007 fejn ikkontesta formalment it-talba attrici billi allega affarijiet li ma sarux u prezz eccessiv ta` parts, partikolarment meta dawn ma kienux godda.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi ma hemmx dubbju, anzi huwa fatt pacifiku, li s-socjeta` attrici hadmet fuq hsarat li kellha l-vettura tal-konvenut u l-kont tela` ghall-ammont mitlub f'dan l-avviz kif jidher minn Dok. A kif riprodott fl-interpellanza Dok. B. Dan il-kont gie kkonfermat bil-gurament minn Raphaella Camilleri bhala skrivana mas-socjeta` attrici u minn James Dalli u Stephen Pace li hadmu fuq l-istess vettura. L-avukat Sansone wkoll xehed li l-konvenut kien ammetta mieghu li kellu jhallas dan l-ammont u ghalkemm ftiehmu li kellu jmur sa l-ufficcju tieghu sabiex jibda` jhallas, huwa naqas li jonora dan l-appuntament.

John Camilleri, direttur tas-socjeta` attrici, xehed li mill-bidu nett kien gibed l-attenzjoni tal-konvenut li l-hsara kienet estensiva u fil-fatt ssuggerielu jara kienx ahjar qabel xejn jivverifika jekk il-vettura setghetx tigi meqjusa bhala beyond economical repair mill-assikurazzjoni. Il-konvenut pero` xtaq isewwi u ddirigieh biex kemm jista` jkun isiblu spare parts, haga li s-socjeta` attrici jidher li ppruvat taghmel sakemm kien possibbli. Meta l-vettura kienet lesta, il-konvenut gie ghaliha, ppruvha, kien soddisfatt u saq 'l hinn biha bl-intiza li kellu jigi l-ghada biex ihallas il-kont li kien inghatalu. L-ghada baqa` ma

giex, u l-kont baqa` ma thallasx u ghalhekk infethet l-odjerna kawza. Il-konvenut stess jammetti bil-gurament tieghu li baqa` qatt ma mar lura ghand is-socjeta` attrici jew ghand il-konsulent legali taghhom sabiex ihallas il-kont jew jara jipprovax jasal ghal xi ftiehim maghhom fuq l-istess. Il-konvenut jaghmel tentattiv biex jipprova li l-parts li ntuzaw kienu second hand kif wara kollox talab hu stess, filwaqt li zammewlu ta` gdid billi ezebixxa Dok. GC 1, liema dokument pero` ma ghandu ebda piz probatorju in vista tal-fatt li ma nafux u ma ngiebx min kitbu u wisq anqas gie mahluf. Il-konvenut stess fix-xhieda tieghu jammetti li baqa` ma zammx l-appuntament li kellu biex jigi diskuss il-kont lilu mibghut minghajr ma jaghti spjegazzjoni plawsibbli il-ghaliex tali nuqqas tieghu kif *dal resto* naqas li jgib provi soddisfacenti fuq l-eccezzjonijiet minnu sollevati fir-risposta tieghu. Ta` min jirrileva wkoll f'dan l-istadju, li l-provi migjuba mis-socjeta` attrici f'ebda hin ma gew ikkontradetti anqas in kontro-ezami.

Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement ikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm1,024.02, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------